MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 960/2009

**Joseph Pitre Limited**
**(C - 26724)**

**Vs**

**AIC Andre' Pizzuto**
**u b'Ordni tat-Tribunal tal-25 ta' Novembru, 2010 gew kjamati in kawza is-socjetajiet GA Investments Ltd (C-30940) u MCA Investments Holding Ltd (C-31769)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Novembru, 2009 fejn is-socjeta' attrici talbet kundanna lill-konvenut, prevju kull dikjarazzjoni necessarja, biex ihallas l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u disghin ewro (€3,891.00), ammont dovut in konnessjoni ma' bejgh ta' madum u kmamar tal-banju ordnati mill-konvenut u debitament konsenjati, liema ammont pero' baqa ma thallasx nonostante diversi interpellazzjoni u weghdiet ghal hlas.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra legali tat-8 ta' Lulju, 2009, u bl-imghax legali mit-8 ta' Lulju, 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment ma dan l-Att numru 3497/09.

Il-konvenut wara li gie debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u dan anke ghaliex ma ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-socjeta' attrici;

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konsenja ta' madum u kmamar tal-banju mis-socjeta' attrici lil terzi persuni ma hiex tal-kwalita' pattwita u l-istess konsenja ma gietx konsenjata fl-intier taghha u f'kull kaz is-socjeta' attrici qatt ma ezegwie l-obbligi taghha;

3. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kull kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Peress illi l-konvenut talab li jigu kjamati in kawza s-socjetajiet GA Investments Ltd u MCA Holdings Ltd dawn is-socjetajiet ipprezentaw risposta fejn eccepew illi kif ser jigi spjegat fil-mori tal-proceduri, it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' G.A. Investments Ltd u MCA Investments Holding Ltd, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti motivi:

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti m'hummiex il-legittimi kontradditturi u dan ghaliex huma dejjem onoraw il-pagamenti li kellhom mas-socjeta' attrici li kienet tqabbdet bhala kuntrattur fuq xoghol li sar gewwa penthouse li tinsab fi Triq Nazju Ellul gewwa l-Gzira, illum propjeta tal-Perit Andre Pizzutto;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetajiet G.A. Investments Ltd u MCA Holdings Investments Ltd u l-konvenut l-iehor, ossia, il-Perit Pizzuto, kienu dahlu f'konvenju biex tinbiegh il-fuq imsemmija propjeta' finished; liema konvenju kien jghid li t-tip ta' finishes, kellu jinghazel mill-Perit Pizzuto minn dak indikat mis-scocjeta' attrici;

3. Illi l-konvenju kien jistipula li jekk il-Perit Pizzuto ried jaghmel upgrade fit-tip ta' finishes, huwa kellu jhallas id-differenza minn butu; liema klawsola l-Perit accetta u ddecida li juzufruwxxi ruhu minna;

4. Illi effettivament is-socjetajiet konvenuti dejjem onoraw il-ftehim li kellhom mas-socjeta' attrici u hallsu l-ammont minnhom dovut ghal finishes hekk kif offruti mill-istess, qabel il-Perit Pizzuto ghazel li jaghmel upgrade;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, is-socjetajiet esponenti mhumiex responsabbli ghan-nuqqas ta' hlas kommessa mill-Perit Pizzutto u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehdet Camille Pitre in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u spjegat illi huma bhala kumpanija ghandhom arrangament ma johann Said li jirrapprezenta liz-zewg kumpaniji kjamati in kawza u jipprvdu tiles u bathrooms. F'dan il-kaz l-ammont miftiehem ma Johann Said kien ta' tlett elef u dsatax-il ewro (€3,019) mentri dan ix-xoghol ma kienx joghgob lil konvenut u dan ghamel upgrade fis-sens illi ghazel madum u bathrooms li jiswew izjed minn hekk bl-intendiment li Johann Said ihallas tlett elef u dsatax-il ewro (€3,019) u l-konvnut ihallas id-differenza. Din ix-xhud tghid illi l-konvenut qatt ma kkuntesta l-ammont mitlub minnu u filfatt fil-korrispondenza tieghu.

Xehed Johann Said in rapprezentanza tas-socjetajiet kjamati in kawza li spjega u kkonferma l-arrangamenti illi ghandu mas-socjeta' attrici. Spjega illi meta ghamel il-konvenju mal-konvenut kien hemm imnizzel illi l-upgrades kellhom jithallsu mill-

konvenut. Dawn ix-xoghlijiet tlestew qabel il-kuntratt u ghalhekk ma tnizzlux fil-kuntratt.

Is-socjeta' attrici permezz ta' nota pprezentata fil-5 ta' Novembru, 2013 rriduciet it-talba originaliament mitluba ghal tlett elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06).

Permezz ta' affidavit xehed il-konvenut li spjega illi kien ra zewg studio penthouses propjeta tas-socjeta' kjamata in kawza G.a. Investments u offra ammont u xi tibdiliet sabiex jixtrihom it-tnejn. Dan il-ftehim intlahaq u sar konvenju fil-1 ta' April, 2008 fejn imkien ma huwa miftiehme illi x-xerrej u cioe' il-konvenut Pizzuto kellu jhallas ghal xi upgrades u dan mil-konvenju pprezentat a fol hamsa u disghin (95) tal-process fejn klawzola numru 18(5) tghid "Madum tal-ghaza tax-xerrej minn dak li jintghazel minghand Joseph Pitre" liema konvenju baqa jiggeded l-ewwel sal-31 ta' Lulju, 2008 u imbaghad sat-18 ta' Awwissu, 2008.

Il-konvenut jispjega illi meta beda diehel iz-zmien biex jiskadi l-ewwel konvenju Johann Said kien kellem lil konvenut u nfurmah illi l-madum li ghazel kien wasal ghand Pitre. Hawnhekk il-konvenut mar ghand Pitre u waqt li kien hemm iltaqa ma Johann Said li qallu li jekk hemm xi differenza kellu jhallasshom il-konvenut. Hawnhekk il-konvenut biex ma jwaqafx ix-xoghol accetta.

Wara li l-konvenju ggedded darbtejn peress illi l-kjamati in kawza ma lestiex ix-xoghol, il-kjamat in kawza ma riedx jerga jgedded il-konvenju u sar il-kuntratt fid-9 ta' Settembru, 2008 minghajr ma kien lest ix-xoghol. Hawnhekk ix-xhud jghid illi kellu jsiefer. Spjega illi x-xoghol baqa ma sarx u spicca biex kellu jixtri aktar madum u jkompli x-xogholijiet hu.

Jidher car mill-provi illi hemm problema bejn il-konvenut u l-kjamati in kawza dwar xoghol li sar hazin jew li sahansitra ma sarx. F'dan ir-rigward zgur ma titholx is-socjeta' attrici li ghandha tiehu l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u wiehed u disghin ewro (€3,891.00) li permezz ta' nota riduciet ghal tlett elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06). Ghaldaqstant illi s-socjeta' attrici ghandha tithallas huwa car u bla dubju. Rigward l-oggettili ma gewx ikkonsenjati t-Tribunal mhux ser

jehodhom in konsiderazzjoni stante illi l-ammont tnaqqas bi kwazi erba' mitt ewro (€400) u ghalhekk dawn certament illi tnaqqsu.

It-Tribunal jghaddi issa biex jiddecidi dwar minn ghandu jhallas lis-socjeta' attrici. Il-konvenut Pizzuttp jghid illi ma kienx tnizzel fil-konvenju li kellu jhallas xi flejjes extra lis-socjeta' attrici filwaqt illi fl-istess nifs jghid fl-affidavit tieghu illi meta ltaqa ma' Johann Said ghand Pitre kien infurmah illi jekk kien hemm xi differenza kellu jhallasha hu u l-konvenut jghid li accetta sabiex ma jwaqqafx ix-xoghol. Il-kjamati in kawza rapprezentati minn Johann Said ma gab ebda provi illi filfatt dan kien il-ftehim li ghamel ma Andre Pizzutto il-konvenut.

Ghal dawn il-motivi u b'ekwita bejn il-partijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' it-talba attrici ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) u jikkundanna lil konvenut Pizzuto sabiex ihallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) lis-socjeta' attrici filwaqt illi s-socjetajiet kjamati in kawza solidament bejnithom ghandhom ihallsu s-somma ta' elf, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€1,494.06).

Bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ghandhom jithallsu terz mill-konvenut u terz kull socjeta' kjamata in kawza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------